**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU.66 - L-ERBGĦA 17 TA' APRIL 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru Fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier (wasal 17.59) |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (telaq 18.23) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal tal-Kunsill |
| Assenti: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trażmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li ma' kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa nr. 65 *nem com.* Ippropona l-Kunsillier Gatt, issekondat il-Kunsillier Cuomo.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressqet il-komunkazzjoni hekk kif ġej:

3.1.1. Hija infurmat li fl-1 ta' April saret laqgħa mac-CEO tal-wasteserv fejn il-Kunsill żar l-impjant u ġew indirizzati l-preokkupazzjonijiet tal-Kunsill fuq diversi binarji. Dakinhar stess il-Kunsill ippubblika stqarrija għall-istampa fejn spjega l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward dan l-impjant.

3.1.2. Fis-17 ta' April 2024 saret laqgħa mal-Pulizija dwar is-Sigurtà Lokali. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Supretendent, Spetturi u Surġenti, Community Police Officers flimkien ma' uffiċjal tal-kunsill.

3.1.3. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva risposta negattiva fuq il-Bye-law tal-Caravans. Fakkret li l-bye law kienet intiża li tirregola t-tpoġġija tal-caravans fil-perjodu li mhux kopert bl-avviż legali, ċoe biex tkopri l-

perjodu minn Ottubru sa Mejju. Hawnhekk is-Sindku talbet li ssir laqgħa mal-Ministru dwar din ir-risposta.

3.1.4. Is-Sindku infurmat li fis-17 ta' April sar it-tindif tat-Torri tal-Kaptan, Hija rringrazzjat lir-residenti tal-kontribut tagħhom u lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-amministrazzjoni li mexxew il loġistika kollha. Irringrazzjat ukoll lill-BNF li ġew bi ħġarhom inaddfu flimkien mal-Kunsilliera u residenti. Is-Sindku rringrazzjat ukoll lil Mark Taliana Gardeners li għamlu xogħol kbir biex sbarazzaw il-bitħa ċentrali u lill-kuntrattur Christian Galea li naddaf il-parapett tal-propjetà u lill-Cleansing and Maintenance Division li pprovdew għodod għal dan it-tindif.

3.1.5. Is-Sindku talbet lis-SE jispjega x-xogħol li sar fis-sala tal-Kunsill. Huwa informa li ssaqfet il-parti fejn kien hemm l-iskylight u x-xogħol wasal fi tmiemu. Jonqos xi xogħol bħal membrane min-naħa ta' barra. Hu antiċipa li l-ġimgħa ta' wara jkun jista' jerġa jiffunzjona d-day centre minn din is-sala. Il-Kunsillier Brincat fakkar li inkisbu fondi biex isir ix-xogħol mill-Ministeru tat-Turiżmu.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji. Dawn ġew meqjusa moqrija.

5.1.1. Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/66) anness 'appendiċi A.

5.1.2. Lista ta' dħul għax-xahar ta' Frar anness f'appendiċi B.

5.1.3. Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Frar anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4. Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi D.

5.2. Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Abela.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI;

6.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 15 ta' April 2024. (anness f'appendiċi E). Il-punti diskussi f'din il-laqgħa kienu:

6.1.1. Offerti - Tender Masġar it-tfal

6.1.2. Skema ta' kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali

6.1.3. Talba għal għajnuna f'attivitajiet organizzati mill-club tal-football

6.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (nem con) fuq pproponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI;

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024. (anness f'appendiċi F).

7.2. Il-Minuti ġew approvati fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

## 8. RAPPORT TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ;

8.1. F'dan il-punt wasal il-Kunsillier Deguara. Il-ħin kien 17.59.

8.2. Is-SE infomra li tħejja r-rapport tal-laqgħa tal-Lokalità li kien intbgħat lill-Kunsill permezz ta' email. Huwa żied li issa qed jiġu indirizzati l-kumment tar-residenti f'dan ir-rigward.

8.3. Dan ir-rapport ġie meqjus moqri u approvat fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat (kopja annessa f'Ġ).

**9. TRIQ LELI FALZON;**

9.1. Is-Sindku spejgat li Transport Malta baqgħet tinsisti li ma tapporvax id-direzzjoni tat-traffiku kif inhu. Hija żiedet li TM talbet rapport *(road safety audit)* mingħand konsulenti tat-traffiku barranin dwar dak li qed jipproponi l-Kunsill. Għalkemm ma kellux figura tal-ispiża, intqal li bejn wieħed u ieħor dan l-istudju jiswa madwar €5,000 jew aktar. Kien għalhekk dubjuż jekk il-Kunsill għandux imur għal dan l-istudju bil-possibiltà li l-awdituri jaqblu ma' TM u allura jkunu intefqu flus għalxejn.

9.2. Fid-dawl ta' dan is-Sindku ssuġġeriet li Triq Leli Falzon u Triq il-Forġa jiġu f'direzzjoni waħda kif qed jinsistu TM u jekk ikun hemm il-ħtieġa, jsir rapport tat-traffiku wara.

9.3. Issekkona l-Kunsillier Brincat. Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u vot kontra li: Triq Leli Falzon u Triq il-Forġa jiġu f'direzzjoni waħda (kontra xulxin) tul it-triq kollha. Għalissa, u possibilment, it-toroq sekondarji tal-madwar jibqgħu f'żewġ direzzjonijiet.

9.4. Hawnhekk Il-Kunsillier Abela talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa (18.23).

**10. L-ESTENSJONI TAL-BARRIERA FI TRIQ JOHN ADYE;**

10.1. Il-Kunsillier Spiteri ippropona li tinbidel l-ordni tal-aġenda u jiġi diskuss l-estensjoni tal-barriera fi Triq John Adye. Il-Kunsill qabel.

10.2. Is-Sindku nfurmat li kien intalab il-parir tal-konsulenti tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni u qrat ir-risposta tal-konsulenti.

10.3. Hija nfurmat li bħalissa l-Kunsill ma' jistax jgħaddi l-kummenti tiegħu minħabba li l-applikazzjoni għadha fi *screening process.*

10.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li joġġezzjona għal din l-estensjoni.

10.5. Il-Kunsill talab li l-laqgħa tkun sospiża temporanjament. Il-Ħin kien 18.30.

**11. JUM SPORTIV FIL-PJAZZA;**

11.1. Il-Laqgħa tkompliet fis-18.34.

11.2. Is-Sindku fakkret fid-deċiżjoni tal-Kunsill biex parti mill-pjazza tibda tingħalaq kull nhar ta' Ħadd filgħodu.

11.3. Hija infurmat li l-Kunsillier Deguara qed jikkordina attività sportiva fil-pjazza għal nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju. Fl-istess attività se jkun hemm l-involviment tal-pulizija.

11.4. Il-Kunsillier Deguara spjega li f'din l-attività se jieħdu sehem in-Naxxar football nursery, kick boxing u logħob tradizzjonali. Huwa informa li l-attività se ssir bejn id-9.30am u 12.00pm. Huwa ħeġġeġ lill-kulħadd jattendi.

11.5. Is-Sindku fakkret li fil-11 ta' Mejju fil-11am se ssir l-ikla tal-anzjani fl-Oratorju u appellat lil-Kunsillieri kollha jattendu.

11.6. Is-Sindku infurmat li għat-12 ta' Mejju, f'Jum l-Omm qed titħejja attività bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet kollha. Din se tkun fuq tema ta' fjuri.

**12. INVOLVIMENT FI PROĠETTI EWROPEJ;**

12.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva proposti biex ikun parti minn proġetti Ewropej. Il-Kunsill applika għal tliet proġett differenti.

12.2. Is-SE informa li l-Kunsill kellu japplika mal-ewwel minħabba li l-appikazzjonijiet kienu jgħalqu dakinhar. Huwa fakkar li l-ispejjeż involuti huma minimi u mhux bilfors li l-applikazzjonijiet ikun aċċettati jew aċċettati kollha.

12.3. Il-Kunsill qabel *nem con*.

**13. NUQQAS TA' ATTENDENZA TA' KUNSILLIER;**

13.1. Is-SE nforma lill-Kunsill li l-kunsillieri Ivan Gaffiero u Stephen Abela kienu naqsu għal iktar laqgħat minn dawk permessi mil-liġi.

13.2. Il-Kunsill qabel li l-post ma jkunx dikjarat vakanti.

13.3. Is-Sindku ppreżentat ir-rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Spiteri li kien għaddiela xi jiem qabel.

**14. SKEMA GĦALL-GĦAQDIET (DAN L-ITEM INQABEŻ MINN FUQ L-AĠENDA BI ŻVISTA IŻDA L-KUNSILLIERI KIENU KONXJI MINNU)**

14.1. Is-SE fakkar li kien bagħat l-skema u linji gwida lill-Kunsill permezz ta' email.

14.2. Is-SE informa li din l-iskema kienet diskussa waqt il-kumitat tal-finanzi. Il-kumitat qabel li l-attivitajiet irid jsiru ġewwa l-konfini tan-Naxxar. Barra minn hekk l-attivitajiet iridu jkunu bla ħlas u miftuħin għall-pubbliku.

**15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

15.1. Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

15.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju fis-17.45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - March 2024**

| For 04/03/2024 through 26/03/2024 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| 04/03/2024 | Anthony Auto Prod | Zebgha ghal bankijiet-Gnien Toni Vella | | €40.50 | 011/24 |
| 04/03/2024 | Anthony Auto Prod | Zebgha ghal bankijiet-Gnien Toni Vella | | €40.50 | 012/24 |
| 04/03/2024 | Anthony Auto Prod | Zebgha ghal bankijiet-Gnien Toni Vella | | €25.30 | 013/24 |
| 07/03/2024 | Mannarinu | Refreshments for Jum il-Mara 2024 | | €40.00 | 014/24 |
| 08/03/2024 | Victory Butcher | Refreshments for Jum il-Mara 2024 | | €40.07 | 015/24 |
| 26/03/2024 | Pavi suoermarket | Sugar sachets | | €1.35 | 016/24 |
| | | | | | |
| | | Return to float | €187.72 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | €387.72 | €187.72 | |

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of March 2024**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €380.00 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | |
| 0020 | Commercial/directional signs | €100.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €384.96 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €91.48 |
| 0026 | Crane Permit | €4,535.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | €116.45 |
| 0028 | Outside Activity permit | €13.98 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €694.34 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | |
| 0121 | Advertising | €45.00 |
| 0125 | Trenching permits | €9.32 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,150.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€7,140.53** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 52704 |
| | To | 53071 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 April 2024

Kunsill Lokali In-Naxxar

**Purchase Order list for the month of March 2024** **01/04/2024**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 05/03/2024 | 039/24 | Archway Ironmongery | Ironmongery items as needed | 210.99 |
| 05/03/2024 | 040/24 | Bitmac Works Ltd | 12 bags of instant road repair | 96.29 |
| 05/03/2024 | 041/24 | Kimroke Ltd | core drilling - Triq Castro - service culvert | 53.10 |
| 07/03/2024 | 042/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 87.32 |
| 07/03/2024 | 043/24 | Strand Electronics Ltd | Installation of controllers for Access Control System | 69.62 |
| 07/03/2024 | 044/24 | B&B Construction | Supply only of pre-stressed predalleP60B | 943.65 |
| 08/03/2024 | 045/24 | B. Grima & Sons Ltd. | sign needed | 215.94 |
| 13/03/2024 | 046/24 | Paramount Garage | April Day centre outing | 165.20 |
| 15/03/2024 | 047/24 | Bitmac Works Ltd | 5 bags of instant road repair | 40.13 |
| 15/03/2024 | 048/24 | JVP Group Company Limited | construction of Zebra Crossing - Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab | 5900.00 |
| 25/03/2024 | 049/24 | Scotts Supermarket | Supplies for Local Council Meeting | 55.49 |
| 25/03/2024 | 050/24 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags x24 | 192.58 |
| 26/03/2024 | 051/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 297.36 |
| | | | | |

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 15 ta' April 2024

**Ħin:** 10.00am - 11.00am

**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat (virtwali), is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ma kienx preżenti

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Offerti - Tender Masġar it-tfal**

1.1. Is-SE informa lill-Kumitat li t-tender ta' Masġar it-tfal ġie aġġudikat mill-Kumitat tal-aġġudikazzjoni.

1.2. Is-SE informa li peress li l-irħas offerent ma kienx konformi, ġie magħżul it-tieni l-irħas.

1.3. Il-Kumitat laqgħa r-rapport u jirrakkomanda li jintgħażel it-tieni l-irħas skont kif aġġudikat.

2. **Skema ta' kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali**

2.1. Is-SE spjega l-abbozz ta' linji gwida dwar l-iskema għal fondi ta' għajnuna biex isiru attivitajiet minn għaqdiet lokali għall-benefiċċju tal-lokalità. Huwa spjega li ħadem dan l-abbozz fuq mudell tal-iskemi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u dan sabiex jekk l-iskema tal-Kunsill tkun estiża fuq dawn l-iskemi allura jkunu awtomatikament konformi. Spjega wkoll li, hekk kif il-Gvern joħroġ l-iskemi, jrid ikun il-Kunsill innifsu li jiddetermina l-prijoritajiet u jinkludi dawn il-prijoritajiet fil-linji gwida u l-applikazzjoni.

2.2. Żewġ kwistjonijiet li daħal fuqhom fid-dettall il-kumitat kienu jekk l-għaqdiet għandhomx ikunu marbuta li jorganizzaw l-attivitjiet fin-Naxxar u jekk jistgħux ikunu bi ħlas. Filwaqt li l-Kumitat irrikonoxxa l-benefiċċju tal-attivitajiet, isiru fejn

isiru, u filwaqt li rrikonoxxa li ċertu attivitajiet ikun meħtieġ li jkopru parti mill-ispejjeż permezz ta' ħlas għad-dħul, il-Kumitat irrefera għall-kundizzjonijiet marbuta mal-iskemi tal-Gvern u qabel biex l-għaqdiet jibbenefikaw minn tali skemi, u sabiex il-pubbliku tan-Naxxar igawdi minn attivitajiet fin-Naxxar stess, allura tali attivitajiet iridu jsiru fil-pubbliku fin-Naxxar u li ma jkunx hemm ħlas mill-pubbliku marbut mad-dħul.

2.3 Ġie diskuss ukoll jekk għandhiex tingħata preferenza lill-attivitajiet fil-pjazza. Filwaqt li l-Kumitat irrikonoxxa li l-Kunsill jixtieq jiġbed in-nies fil-Pjazza ċentrali, ma ħassx li l-Kunsill jista' jinjora li n-Naxxar huwa kbir u jinkludi żoni li jekk ikun possibli, fihom ikunu organizzati attivitajiet kulturali wkoll. Il-Kunsill imbagħad jibbaża d-deċiżjoni fuq il-kwalita' tal-attivita' u kemm jistgħu igawdu minnha r-residenti.

**3. Talba għal għajnuna f'attivitajiet organizzati mill-club tal-football**

3.1. Is-SE informa lill-Kumitat li l-club tal-football bgħatu proposti differenti għal attivitajiet. Il-Kumitat iddiskuta l-attività ppjanata l-ewwel għal April/Mejju bil-post ikun fil-Pjazza. Spiża: €5k, Talba għal fondi mill-Kunsill: €3k.

3.2. Il-Kumitat qabel li joffri s-somma ta' €1,000 biex ikun parteċipi f'din l-attività. L-attivitajiet l-oħrajn ikunu kkunsidrati wara li toroġ l-iskema.

---

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

10 ta’ April, 2024

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/66

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 17 ta’ April 2024 fis-17:45.

Tista’ tgħażel li tingħaqad b’mod virtwali permezz ta’ sistema virtwali iżda jista’ jkun hemm limitazzjonijiet biex issegwi preżentazzjonijiet li jista’ jkun hemm waqt il-laqgħa. Jista’ wkoll ikun hemm u xi diffikultajiet biex il-pubbliku li jkun qiegħed isegwi live, isegwikom waqt l-interventi. Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta’ Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b’mod *on demand*.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju

Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 8/66

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;
4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:
   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi;
7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti;
8 Rapport tal-laqgħa tal-lokalità;
9 Triq Leli Falzon;
10 Jum Sportiv fil-Pjazza;
11 L-estensjoni tal-barriera fi Triq John Adye;
12 Involviment fi proġetti Ewropej;
13 Nuqqas ta' attendenza ta' Kunsillier;
14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**APPENDIĊI I**

**RIF -----**

# SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET U INIZJATTIVI KULTURALI U ARTISTIĊI

FORMOLA TA' L-APPLIKAZZJONI

| |
|---|
| **Applikant:** |

| **Dettalji tal-Persuna responsabbli mill-attivita' proposta** | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom:**<br>*Il-persuna kkunsidrata bħala l-kuntatt ewlieni matul il-proċess tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivita'/proġett.* | |
| **Telefon/Mobajl:**<br>*Numri diretti tal-persuna responsabbli* | |
| **Indirizz elettroniku:**<br>*Irrid jingħata l-imejl tal-persuna responsabbli u mhux imejl ġeneriku.* | |

## Deskrizzjoni tal-Attività/Inzjattiva

**Isem l-attività/inizjattiva:** ______________________________________________

**Data/i tal-attività/inizjattiva:** ______________________________________________

**Post tal-attività/inizjattiva:** ______________________________________________

### Deskrizzjoni qasira u rilevanza tal-proposta bbażata fuq l-għan, l-objettivi u l-eżitu ta' din l-Iskema:

- Il-kuntest u l-isfond kulturali, kreattiv u artistiku tal-attività/inizjattiva
- L-għanijiet u l-objettivi tal-attività/inizjattiva
- Deskrizzjoni dettaljata u konċiża ta' kulma tinvolvi l-attività/inizjattiva
- X'inhuma l-benefiċċji għar-residenti

## L-Istrateġija u l-Immaniġġjar tal-Attività

| **Innovazzjoni fil-kontenut kulturali u atistiku tal-attività** |
|---|
| |

| **Membri tat-tim li ħa jieħdu ħsieb irwoli primarji fosthom id-direzzjoni artistika tal-attività/inizjattiva kulturali u l-immaniġġjar tal-fond u/jew l-attività kulturali** |
|---|
| |

| Dettalji ta’ sieħba oħra f’din l-attività/inizjattiva (jekk applikabbli) |
|---|
| |

| Fatturi ta’ importanza partikolari li se tkun qed toffri l-attività/inizjattiva sabiex tiżgura l-kwalità u l-livell adekwat |
|---|
| |

| Pjan finanzjarju li jinkludi baġit dettaljat li juri b’mod ċar l-ispejjeż totali u d-dħul totali tal-attività/inizjattiva kulturali. L-ispejjeż għandhom ikunu marbuta direttament mal-attività u jistgħu jkunu ta’ natura artistika, |
|---|

| |
|---|
| **maniġerjali, promozzjonali, loġistika u materjali fost oħrajn. Għandhom jiġu ppreżentati l-istimi tas-servizzi u tal-materjali neċessarji biex tittella l-attività kulturali. Id-dħul għandu jinkludi l-ammont mitlub mill-iskema, kif ukoll sorsi oħra ta' finanzjament** |
| |

| **Total ta' fondi mitluba** (inkluż il-VAT) |
|---|
| |

| |
|---|
| **Pjanijiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tar-riskju għall-attività proposta, kif ukoll pjan ta' kontinġenza** |

| |
|---|
| |

| Pjan ta’ kif l-attività maħsuba tikber u/jew tittejjeb sabiex tkun sostenibbli |
|---|
| |

**L-Istrateġija promozzjonali u l-miri tagħha**

| Deskrizzjoni tal-mezzi li ħa jiġu użati għal-promozzjoni tal-attività u kif dawn ħa jolqtu udjenzi varji, inkluż tfal, anzjani, nies bi bżonnijiet speċjali u oħrajn ta' nazzjonalitajiet differenti |
|---|
| |

# DIKJARAZZJONI MILL-APPLIKANT

F'isem ______________________________, qed niżgura li l-informazzjoni kollha sottomessa f'din l-applikazzjoni hija korretta u attwali. Niddikjaraw li qed nissottometti l-informazzjoni kollha mitluba, li l-ispejjeż elenkati fl-applikazzjoni, li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom mhumiex iffinanzjati minn xi fondi oħra.

Qiegħed naċċetta li nimxu skond il-kundizzjonijiet stipulati u xi kundizzjonijiet oħra li jistgħu jiġu mposti mill-Kunsill Lokali Naxxar.

___________________

(Isem sħiħ u firma)

Data: __________________________

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar
**Data:** 15 ta' April 2024
**Ħin:** 11.00am - 11.45am
**Preżenti:** Is-Sindku, il-Kunsillier Joe Spiteri, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 13192 | | Talba biex isir road hump fi Triq il-Buzjett | Buzjett | Mhux approvata. Il-Kumitat innota l-inkonvenjent ta' storbju li din toħloq lil numru ta' residenti speċjalment meta hemm ammont ta' residenti jgħixu f'post ristrett. |
| 13208 | | Talba biex isiru MC Bays fi Triq Markiz Censu De Piro | Markiz Censu De Piro | Il-Kumitat qabel mal-kunċett. Il-Kunsillier Spiteri se jkun qed jispezzjona t-triq biex jinstab l-aħjar post fejn isiru b'mod li nimmassimizzaw l-ispazju permezz ta' spazju mhux użat li jista' jintuża. Tintalab aktar informazzjoni lil min għamel it-talba ta' kemm hemm muturi li għandhom bżonn u fejn jissuġġerixx. Dan il-każ jerġa jitressaq fil-laqgħa li jmiss jew jekk ma jkunx hemm problemi tintlaqa' wara li jkun hemm l-informazzjoni mitluba. |
| 13212 | 73169 | Talba ghal mizuri sabiex jitnaqqas l-ispeed eccessiv fil-kisra ta' bejn Triq il-Kappella ta' Santa Marija u Trejqet l-Arznu. Fl-ilment li rcevejna hemm zewg recordings. | Kappella ta' Santa Marija | Ma jidhirx li hemm soluzzjoni għal dan il-każ minħabba li t-triq mhux qegħda fi stat tajjeb. |
| | | Rapport ta' konsultazzjoni biex parti mit-triq tiġi f'żewġ direzzjonijiet. | Konti Manduca | Qbil li titneħħa l-one way. Immorru għal approvazzjoni ma' TM. |

# LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

**DATA: 27 TA' MARZU 2024**

**POST: SALA TAL-KUNSILL**

**ĦIN:**

| | |
|---|---|
| **PREŻENTI GĦAL-LAQGHA:** | **SINDKU ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** |
| | **KUNSILLIER NOEL GATT** |
| | **KUNSILLIER MARLON BRINCAT** |
| | **KUNSILLIER MARYANNE CUOMO** |
| | **KUNSILLIER MARK ANTHONY DEGUARA** |
| | **KUNSILLIER JOE SPITERI** |
| | **IS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV PAUL GATT** |
| | **IL-MEMBRI KOLLHA TAL-AMMINISTRAZZJONI** |

1.1. Il-Viċi Sindku kien informa, fil-ħin tad-deċiżjoni tad-data mill-Kunsill, li ma jistax jattendi minħabba li kellu impenji ta' safar.

1.2. Is-Sindku fetħet il-laqgħa bid-diskors tagħha fis-19:05.

1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ipproċeda bir-rendikont tal-ħidma permezz tar-rapport anness li kien ikkumplimentat b'ritratti tal-istess ħidma.

1.4. Residenti ppreżentaw sett ta' mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' San Pawl tat-Tarġa.

1.5. Kien hemm ilmenti li f'ċertu partijiet min-Naxxar ma rċevewx l-avviż tal-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lir-residenti sabiex jitkellmu mal-Kunsill u naraw il-problema mal-Maltapost għaliex il-Kunsill kien nefaq il-flus biex jaċċerta li kulħadd wasallu l-invit.

1.6. Mistoqsijiet/kummenti mingħand ir-residenti:

1.6.1. Is-Sur Mark Manfre ressaq nota fuq iz-zona ta' San Pawl tat-Tarġa. Is-sindku qalet li kien hemm rappreżentant mill-ERA biex tagħti aktar informazzjoni fuq iz-zona. Residenta li toqgħod fi Triq il-Fortizza tal-Mosta ilmentat fuq il-quarry blasting.

1.6.2. Is-Sur Roland minn Triq il-Forġa tkellem fuq l-ispeed eċċessiv ta' karozzi u karozzi tal-linja minn din it-triq u li dan l-ilment ġej minn aktar minn 100 resident.

1.6.3. Resident qal li hemm għajdud li quddiem il-Mitħna se ssir pedestrian u għalhekk it-traffiku kollu se jgħaddi minn Triq il-Forġa. Il-Kunsill mill-ewwel ċaħad din l-allegazzjoni.

1.6.4. Il-Perit spjega li bħalissa la hemm bollards u senjalar u b'hekk kulħadd qed jgħaddi minn kullimkien.

1.6.5. Neil Psaila minn Palazzo Parisio qal li ma jaqblux mal-għeluq tal-pjazza. Qatt ma kienu infurmati u jixtiequ li jkunu infurmati b'kull event li ssir fil-pjazza. Saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti.

1.6.6. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa ma' Palazzo Parisio.

1.6.7. Residenti minn Triq Seneskalk tkellmu fuq l-istat ħażin tat-triq.

1.6.8. Dr. David Bonello qal li ma jaqbilx mal-għeluq tal-pjazza kull nhar ta' Ħadd u qatt ħadd ma ġie kkonsultat u min jivvota għandu jivvota fuq dak li jridu r-residenti mhux l-iżviluppaturi.

1.6.9. Is-Sur Anthony Zarb minn Vjal 21 ta' Settembru tkellem fuq il-problema tal-muturi li qed jipparkjaw fuq l-ispazji tal-karozzi u qed jissuġġerixxi jsiru MC bays fejn il-mużew. Hawnhekk intervjeniet ukoll il-Pulizija biex tispjega r-regolamenti.

1.6.10. Alvin Pace minn Baħar iċ-Ċagħaq tkellem fuq il-problema ta double u triple parking fejn Tanti tal-ġelat. Għamel suġġeriment ta' kamera għax hemm ħafna min jipparkja ħażin u allega li fejn hemm bring-in-sites, il-kameras ma jaħdmux.

1.6.11. Fr. Mark Ciantar se jpoġġi xi suġġerimenti għal-Baħar iċ-Ċagħaq. Hu qal li l-kunsill qed juri interess f'Baħar iċ-Ċagħaq iżda dejjem jifdal xi jsir. Fuq l-ispazju miftuħ quddiem Marley's, ir-residenti jixtiequ jiġu kkonsultati. Ma hemm'x faċilitajiet sportivi u jixtiequ li eventwalment ikun hemm Kunsillier responsabbli minn BIC li jiltaqa' ma' grupp ta' residenti.

1.6.12. Il-Perit spjega li dik iz-zona hemm policies li jesiġu ż-żamma tan-natura u s-siġar li hemm. Fr Mark qal li n-nies iridu jkunu inkużi. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni dieħla l-PA u jkun hemm konsultazzjoni pubblika b'mod awtomatiku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba għaġġla u minħabba li kien hemm ammont ta' diskussjonijiet li wasslu għal tibdil diversi drabi fuq il-pjanti, kien aħjar li xorta waħda tkun sottomessa l-applikazzjoni iżda konvint li l-Kunsill mhux se jiddejjaq isejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti imbagħad jibdel kif possibli u meħtieġ.

1.6.13. Mrs Falzon toqgħod quddiem il-Mitħna. Id-dar tagħha qed tegħreq wara li saret it-triq għax allegatament il-qlib kollu huwa dirett lejn id-dar tagħha u li għalxejn se jagħmlu l-gutter. Hawnhekk il-perit spjega fid-dettal.

1.6.14. Dr Antoine Zammit minn Triq Jules Verne. Tkellem fuq li x-xogħol għadu ma ingħalaqx minkejja li ilu għaddej, speed eċċessiv u t-triq tintuża ħafna. Għandu jkun hemm traffic calming measures, pjanar ta' parkeġġi u proposta skematika.

1.6.15. Saviour Agius minn Triq il-forġa staqsa jekk hemm'x proġetti għal din it-triq u s-Segretarju Eżekuttiv qal li s'issa m'hemmx proġetti li ġew deċiżi jew diskussi fil-Kunsill. Hu qal li għandna nieħdu pariri mingħand l-esperti imma r-residenti ma jissemmewx. L-ebda konsultazzjoni ma

saret mar-residenti u qabel tittieħed kull deċiżjoni, irid ikun hemm konsultazzjoni..huma ssallbu bit-traffiku.

1.6.16. Mariella Callus qalet li l-ebda konsultazzjoni ma kien hemm fuq Triq Leli Falzon. Xtaqet tkun taf x'inbidel wara li ġie iffurmulat il-mozzjoni fuq tal-bandli. Fuq Vjal 21 ta' Settembru, qed toġġezzjona fuq il-parking bays li saru dan l-aħħar. Meta kienet mistoqsija hija wieġbet li toqgħod in-naħa ta' Birguma.

1.6.17. Mit-Teak Touch fi Triq il-Parroċċa. Hemm problema ta' traffiku minn filgħodu sa filgħaxija. Suġġeriment li t-triq tiġi one-way u b'timed parking għax kif inhi two-way, fejn il-Victory Butcher il-buses qed jeħlu.

1.6.18. Kien hemm suġġeriment li Triq il-Forġa tiġi one-way kollha.

1.6.19. Stanley Parnis hu inkewatat li l-perit mhux qed jinkwieta fuq Triq il-Forġa u Triq Leli Falzon. Hu qal lil jkun hemm anqas pollution jekk il-biċċiet tan-nofs ikunu 2-way. Jixtieq aktar trasparenza fis-sit tal-Kunsill u li l-link għal pubblikazzjoniet fil-facebook page mhux tajba. Fuq il-kjosk mhux favur u l-anqas li l-grawnd ma jkunx allokat għal pubbiku l-ħin kollu. L-idea ta' Triq Jules Verne kif imressqa mill-Perit Dott. Antoine Zammit hija tajba.

1.6.20. Maryanne Watson, Triq il-Forġa qalet li hemm ħafna strobju, ammont kbir ta' traffiku, bilkemm tista' taqsam u ġeit perikoluża.

1.7. Kull fejn kien possibli ngħataw ir-risposti u l-ispjegi mill-Kunsill.

1.8. Il-laqgħa spiċċat fl-21:40.

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

Rif. Tagħna:

**AVVIŻ LIL DAWK INVOLUTI FIL-KULTURA U L-ARTI**

---

Lis-

Mingħand: Kunsill Lokali In-Naxxar

**Suġġett: Skema għall-Attivitajiet u Inizjattivi Artistiċi u Kulturali**

Data:

---

## 1. Għan

Il-Kunsill Lokali jemmen li l-kultura hija pilastru importanti fil-formazzjoni u s-saħħa tal-komunità. L-għaqdiet voluntarji lokali jilgħabu parti importanti minn dan il-pilastru u għalhekk il-Kunsill Lokali mhux biss japprezza l-ħidma kbira li jwettqu iżda jrid jara kif isaħħaħ il-ħidma tagħhom bl-aħjar mod possibli. Fl-istess ħin, apparti l-għaqdiet u dawk kollha li jaħdmu fil-qasam kulturali, ma tkun tiswa xejn il-ħidma tal-għaqdiet u individwi jekk il-pubbliku ma jibbenefikax u ma jgawdix mis-sabiħ li toffri l-kultura.

Żgur li kulħadd konxju li r-riżorsi tal-Kunsill Lokali huma limitati ħafna, kemm fejn jidħlu riżorsi finanzjarji u anki dawk umani. Il-firxa ta' funzjonijiet li għandu l-Kunsill qed jieħdu ammont kbir minn dawn ir-riżorsi; huwa fatt li l-Kunsill Lokali ma jieħu l-ebda fondi għal attivitajiet jew inizjattivi kulturali.

Huwa għal dan il-għan li l-Kunsill Lokali, regolarment jara kif jakkwista fondi addizzjonali minn sorsi differenti sabiex il-funzjoni kulturali fil-mod wiesgħa tagħha, ma jittraskurahiex. Il-Kunsill Lokali jirrikonoxxi wkoll li ħadd daqs l-istess għaqdiet volontarji u individwi fil-qasam, speċjalment dawk kulturali, ma jista' jkollhom il-kapaċità li jieħdu inizjattivi simili. Dan għaliex huma ffukati propju fuq dan is-suġġett.

Matul iż-żmien il-Kunsill Lokali ipprova jidħol f'kollaborazzjoni mal-għaqdiet biex ikunu organizzati attivitajiet. Nistqarru li mhux dejjem seta' ntlaħaq l-iskop propju u huwa għalhekk li issa qed iniedi sistema permezz ta' skema kif joffri għajnuna b'mod aktar strutturat, trasparenti u li jkun dejjem konformi mar-regolamenti finanzjarji. Dan irid isir ukoll skont l-objettivi ssettjati mill-Kunsill Lokali.

Għal din id-darba hemm is-somma ta' €20,000 li se jkunu qed jiġu mil-Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana iżda eventwalment din tista' ssir ukoll b'fondi minn sorsi oħrajn.

## 2. Objettivi

B'din l-iskema l-Kunsill Lokali qed jimmira li jilħaq dawn l-obbjettivi li ġejjin:

2.1 Irawwem aktar il-kreattività;
2.2 Irawwem aktar innovazzjoni, l-kwalità u s-sostenibiltà f'inizjattivi artistiċi;
2.3 Jgħaqqad aktar il-komunità;
2.4 Iħalli impatt soċjo-ekonomiku pożittiv permezz ta' aktar inklużjoni, solidarjetà, diversità, is-saħħa u l-benessere;
2.5 Ikattar il-kollaborazzjoni u l-iżvilupp ta' networks kulturali;
2.6 Ikattar il-kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet u nies lokali involuti fil-kultura u l-arti;
2.7 Ikattar il-promozzjoni kulturali u l-wirt uniku tal-belt tagħna, inkluż kultura tradizzjonali u prattiċi kontemporanji;
2.8 Iżid it-turiżmu;
2.9 Ikabbar l-identità lokali;

## 3. Eliġibilità

3.1 L-għaqdiet kollha bbażati fin-Naxxar;
3.2 Individwi/gruppi min-Naxxar;

## 4. Kriterji ta' Evalwazzjoni

L-attività/inizjattiva li ħa tkun qed tiġi proposta ħa tkun qed tiġi evalwata fuq il-kriterji msemmija hawn taħt:

- Il-kuntest u l-isfond kulturali, kreattiv, innovattiv u artistiku tal-attività/inizjattiva;
- L-għanijiet u l-objettivi ta' l-attività;
- Il-kwalità tal-membri tat-tim, fosthom il-kapaċitajiet artistiċi;
- Il-benefiċċji għar-residenti;
- L-involviment komunitarju;
- Il-viżibiltà tal-attività/inizjattiva, kemm qabel, waqt u wara;
- Il-preżentazzjoni tad-dettalji inkluż tal-ispejjeż u dħul involuti;
- Il-pjan ta' monitoraġġ u valutazzjoni tar-riskju għall-attività/inizjattiva proposta, kif ukoll pjan ta' kontinġenza;
- Pjan ta' kif l-attività maħsuba tikber u/jew tittejjeb sabiex tkun sostenibbli;
- Deskrizzjoni tal-mezzi li ħa jiġu wżati għall-promozzjoni tal-attività u kif dawn ħa jolqtu udjenzi varji inkluż tfal, anzjani, nies bi bżonnijiet speċjali u oħrajn ta' nazzjonalitajiet differenti;

## 5. Kundizzjonijiet tas-Sottomisjonijiet

L-applikant għandu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet fl-applikazzjoni li jkun qed jissottometti:

5.1 L-applikant għandu jissottometti l-proposta permezz tal-applikazzjoni hawn mehmuża – Appendiċi I. Huwa importanti li tingħata l-informazzjoni kollha mitluba peress li fin-nuqqas ta' dan l-applikazzjoni tista' tinstab mhux eliġibbli waqt l-evalwazzjoni;

5.2 Kull applikant jista' japplika għal aktar minn attività/inizjattiva waħda iżda kull applikant ma jistax jibbenefika għal aktar mis-somma ta' €5000. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li joffri anqas mis-somma mitluba jekk ikun hemm numru kbir ta' applikazzjonijiet eliġibbli jew jekk jidhirlu li mhux qed jintlaħqu l-objettivi kollha.

5.3 Kull programm propost għandu jieħu in konsiderazzjoni l-għan, objettivi u l-eżitu ta' dan il-finanzjament flimkien mal-kundizzjonijiet msemmija f'din iċ-Ċirkulari;

5.4 M'għandhomx jiġu proposti l-ebda attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi funzjonijiet jew festi reliġjużi stabbiliti jew fil-perjodu tal-kalendarju tal-festa/festi titulari. Issir eċċezzjoni għal attivitajiet marbutin ma' festi tradizzjonali li llum qed jinqatgħu, bħal Jum San Ġwann;

5.5 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata skond il-kriterji ta' evalwazzjoni msemmija;

5.6 L-applikant jista' jiġi mitlub mill-Kunsill Lokali biex jagħti aktar informazzjoni fuq il-proposta u din tista' wkoll issir permezz ta' intervista jew kif jiddeċiedi l-Kunsill Lokali;

5.7 Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li ma jikkunsidrax il-proposta sottomessa jekk ma' tindirizzax l-Objettivi u l-Kriterji ta' Evalwazzjoni, kif ukoll il-Kundizzjonijiet ta' din iċ-Ċirkulari;

5.8 L-applikant jista' jagħmel sħubija ma' terzi biex jimplimenta l-attività/inizjattiva iżda dawn għandhom ikunu elenkati fl-applikazzjoni;

5.9 Applikazzjonijiet mhux kompluti hekk kif indikat f'din iċ-Ċirkulari, jiġu eliminati.

## 6. Kundizzjonijiet dwar Implimentazzjoni

6.1 Il-perjodu tal-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet kulturali huwa bejn **is-Sibt, 1 ta' Ġunju 2024 u l-aħħar ta' Novembru 2024;**

6.2 L-applikant għandu jżomm mal-programm propost fl-applikazzjoni u li ġie approvat. Għandu jiġi notifikat il-Kunsill Lokali minnufih jekk ikun hemm bżonn ta' xi tibdiliet. Il-bidliet ma jistgħux jiġu implimentati sakemm tingħata l-approvazzjoni;

6.3 Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joffri għajnuna addizzjonali (permessi, għeluq u uffiċjali eċċ) fejn jidħol għeluq ta' toroq kemm-il darba l-attività/inizjattiva tkun organizzata fi Pjazza Vittorja;

6.4 L-applikant għandu l-obbligu li jwettaq *risk assessment* tal-attività/inizjattiva;

6.5 L-applikant huwa **obbligat** li jippromovi l-attività u jindika li dan qed issir bl-appoġġ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Naxxar u tar-Reġjun Tramuntana filwaqt li għandhom jintużaw il-logos rispettivi;

6.6 Il-promozzjoni għandha ssir kemm permezz tal-midja soċjali u kemm permezz ta' mezzi varji ta' kommunikazzjoni;

6.7 L-attivitajiet għandhom isiru fil-konfini tan-Naxxar.

6.8 L-attivitajiet għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas;

- Wara li tiġi implimentata l-attività proposta, l-applikant li ħa jibbenefika minn dan il-fond huwa obbligat li jissottometti rapport fil-qosor dwar l-andament tal-attività/inizjattiva, jiddikjara jekk intlaħqux il-miri ewlenin u d-dettalji dwar l-ispejjeż u d-dħul attwali. Għandu jinkludi wkoll rendikont u dokumenti dwar il-promozzjoni u reklamar tal-attività u ritratti tal-attività;

## 7. Proċedura tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu biss fuq il-formola stabbilita, mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif msemmi aktar 'il fuq għandha tiġi sottomessa **sa mhux aktar tard minn nhar ------------------**;

7.2 **Kull applikazzjoni li tasal tard u mhux kompluta skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se tkun ikkunsidrata;**

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 8/66

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-21 ta' Marzu 2024 sal-10 ta' April 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €131.75 | €131.75 | T | PF | Review of planning applications - Mar 24 | 31/03/2024 | 4295 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Mar 2024 | 30/03/2024 | 2018-5313 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Antes | €94.76 | €94.76 | NA | PF | Prorata Public Liability insurance for Mithna tal-Ghaqba | 09/04/2024 | tkt73562 | n/a | n/a | 3030 |
| 4 | Michela Aquilina | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Service of Animator for Junior Science Club for Mar 24 | 31/03/2024 | 5 | n/a | n/a | 3190 |
| 5 | Archway | €282.94 | €282.94 | K | PF | Ironmongery items as needed | 01/03/2024 | 41462 | 39/24 | 39/24 | 2210 |
| 6 | Arms | €97.05 | €97.05 | NA | PF | Bill for water pump Parrocca (22.12.23-13.3.24) | 02/04/2024 | 38133000 | n/a | n/a | 2140 |
| 7 | Arms | €112.01 | €112.01 | NA | PF | Bill for Gnien l-Ghenieq (2.12.23-2.3.24) | 02/04/2024 | 38132997 | n/a | n/a | 2140 |
| 8 | Arms | €60.12 | €60.12 | NA | PF | Bill for Gnien il-Hamrija (2.12.23-1.3.24) | 02/04/2024 | 38132998 | n/a | n/a | 2140 |
| 9 | Arms | €84.11 | €84.11 | NA | PF | Bill for Gnien EU (3.12.23-2.3.24) | 02/04/2024 | 38132992 | n/a | n/a | 2140 |
| 10 | Arms | €46.39 | €46.39 | NA | PF | Bill for Public Garden Triq S H Luke (22.12.23-13.3.24) | 02/04/2024 | 38132999 | n/a | n/a | 2140 |
| 11 | Arms | €208.09 | €208.09 | NA | PF | Bill for pub conv Triq Labour (23.12.23-13.3.24) | 02/04/2024 | 38133001 | n/a | n/a | 2140 |
| 12 | Arms | €51.44 | €51.44 | NA | PF | Bill for outdoor gym (3.12.23-2.3.24) | 02/04/2024 | 38132996 | n/a | n/a | 2140 |
| 13 | Bitmac | €40.12 | €40.12 | K | PF | Instant road repair | 21/03/2024 | 140109 | 47/24 | 47/24 | 2311 |
| 14 | Bitmac | €192.58 | €192.58 | K | PF | Instant road repair | 26/03/2024 | 140472 | 50/24 | 50/24 | 2311 |
| 15 | Bitmac | €192.58 | €192.58 | K | PF | Instant road repair | 22/03/2024 | 140229 | 35/24 | 35/24 | 2311 |
| 16 | Briiz | €814.20 | €814.20 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Mar 24-am | 31/03/2024 | 67034 | n/a | n/a | 3053 |
| 17 | Briiz | €610.65 | €610.65 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Mar 24-pm | 31/03/2024 | 67033 | n/a | n/a | 3053 |
| 18 | Grace Camilleri | €295.20 | €295.20 | NA | PF | Librarian services for March 2024 | 31/03/2024 | | n/a | n/a | 2995 |
| 19 | Benjamin Cilia | €2,031.96 | €2,031.96 | T | PF | Handyman service for March 2024 | 01/04/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 20 | Datatrak | €7.61 | €7.61 | NA | PF | 1 pre-regional ticket for March 2024 | 31/03/2024 | 1015265 | n/a | n/a | 3610 |
| 21 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for March 2024 | 31/03/2024 | 310 | n/a | n/a | 3051 |
| 22 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for March 2024-extra- | 31/03/2024 | 309 | n/a | n/a | 3051 |
| 23 | Galea Curmi Eng | €259.60 | €259.60 | T | PF | Consultancy re proposed new dec.lighting Triq il-Kbira and preparation of design drawings | 26/03/2024 | 15466 | n/a | n/a | 3065 |
| 24 | Galea Curmi Eng | €177.00 | €177.00 | T | PF | Testing of distribution boards re Christmas lights 2023 | 26/03/2024 | 15469 | n/a | n/a | 3065 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-21 ta' Marzu 2024 sal-10 ta' April 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Greenpak | €236.00 | €236.00 | NA | PF | Monthly internet connection fee for 5 different locations-Mar 24 | 31/03/2024 | 32919 | n/a | n/a | 2160 |
| 26 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Forga | 27/03/2024 | g. 32270 | n/a | n/a | 4006 |
| 27 | Guarantee | €71.86 | €71.86 | NA | PF | Refund after works in Triq ir-Ridott | 27/03/2024 | g. 1103 | n/a | n/a | 4006 |
| 28 | Image Systems | €124.49 | €124.49 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Mar 24 | 31/03/2024 | 563878 | n/a | n/a | 2160 |
| 29 | Inland Revenue Dept | €6,210.00 | €6,210.00 | NA | PF | FSS & NI Mar 2024 | 26/03/2024 | | n/a | n/a | 1500 |
| 30 | Laferla Insurance | €500.00 | €500.00 | NA | PF | Excess re claim 006/24 | 21/03/2024 | | n/a | n/a | 3030 |
| 31 | Kimroke Ltd | €53.10 | €53.10 | K | PF | Core drilling - Triq Castro - service culvert | 21/03/2024 | 154 | 41/24 | 41/24 | 2310 |
| 32 | Lift Services | €125.00 | €125.00 | NA | PF | Preventive Inspection and certification of lift | 01/03/2024 | 423479 | n/a | n/a | 3130 |
| 33 | Melita plc | €217.35 | €217.35 | D | PF | Internet service for different locations Apr 24 | 01/04/2024 | 116711001 | n/a | n/ | 2160 |
| 34 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W028 Triq il-Kappella ta' Santa Marija | 22/03/2024 | 12408 | n/a | n/a | 3065 |
| 35 | Micamed | €529.23 | €529.23 | T | PF | L523 Triq il-Blat l-Abjad | 22/03/2024 | 12426 | n/a | n/a | 3065 |
| 36 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W319 Triq il-Bjad | 22/03/2024 | 12396 | n/a | n/a | 3065 |
| 37 | Micamed | €588.23 | €588.23 | T | PF | W5434 Triq il-Kappella ta' Santa Marija | 22/03/2024 | 12411 | n/a | n/a | 3065 |
| 38 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | L457 Triq San Mark | 22/03/2024 | 12383 | n/a | n/a | 3065 |
| 39 | Micamed | €525.69 | €525.69 | T | PF | W263 Triq il-Musbieh | 22/03/2024 | 12422 | n/a | n/a | 3065 |
| 40 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | T002 Triq ta' Mezzi | 22/03/2024 | 12429 | n/a | n/a | 3065 |
| 41 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | W466 Triq il-Lampara | 22/03/2024 | 12425 | n/a | n/a | 3065 |
| 42 | Micamed | €129.80 | €129.80 | T | PF | T001 Triq il-Brazil | 22/03/2024 | 12428 | n/a | n/a | 3065 |
| 43 | Micamed | €552.83 | €552.83 | T | PF | W318 Triq il-Bjad | 02/04/2024 | 12437 | n/a | n/a | 3065 |
| 44 | Micamed | €94.40 | €94.40 | T | PF | R012 Fanal fuq iz-zuntier | 02/04/2024 | 12434 | n/a | n/a | 3065 |
| 45 | Micamed | €582.33 | €582.33 | T | PF | W027 Triq is-Salina | 02/04/2024 | 12438 | n/a | n/a | 3065 |
| 46 | Micamed | €103.84 | €103.84 | T | PF | R001 Triq il-Konverzjoni | 02/04/2024 | 12442 | n/a | n/a | 3065 |
| 47 | Victor Mula | €946.36 | €946.36 | K | PF | Extra hours re removal of Christmas lights 2023 | 21/03/2024 | 399 | n/a | n/a | 3362 |
| 48 | Victor Mula | €5,898.82 | €5,898.82 | K | PF | Handling and checking temporary meters and all related inclu | 22/03/2024 | 400 | n/a | n/a | 3362 |
| 49 | Victor Mula | €2,031.96 | €2,031.96 | T | PF | Handyman service for March 2024 | 01/04/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 50 | Romina Perici | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for February 2024 | 29/02/2024 | 24/017 | 015/24 | 015/24 | 3160 |
| 51 | Romina Perici | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for March 2024 | 31/03/2024 | 1 | 015/24 | 015/24 | 3160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-21 ta' Marzu 2024 sal-10 ta' April 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 | Piscopo | €76.70 | €76.70 | K | PF | Maintenance for plants Mar 24 | 22/03/2024 | 9973 | 183/23 | 183/23 | 3060 |
| 53 | Regjun Tramuntana | €4,127.92 | €4,127.92 | NA | PF | 9 domestic mixed waste collection for Dec 23 | 24/01/2024 | 420 | n/a | n/a | 3041 |
| 54 | Regjun Tramuntana | €10,104.58 | €10,104.58 | NA | PF | Mixed waste and organic waste tipping fees Dec 23 | 24/01/2024 | 420 | n/a | n/a | 3040 |
| 55 | Regjun Tramuntana | €3,747.38 | €3,747.38 | NA | PF | 9 domestic mixed waste collection for Jan 24 | 22/03/2024 | 460C | n/a | n/a | 3041 |
| 56 | Regjun Tramuntana | €13,530.83 | €13,530.83 | NA | PF | Mixed waste and organic waste tipping fees Jan 24 | 22/03/2024 | 460T | n/a | n/a | 3040 |
| 57 | Regjun Tramuntana | €3,050.64 | €3,050.64 | NA | PF | 8 domestic mixed waste collection for Feb 24 | 03/04/2024 | 470C | n/a | n/a | 3041 |
| 58 | Regjun Tramuntana | €10,796.06 | €10,796.06 | NA | PF | Mixed waste and organic waste tipping fees Feb 24 | 03/04/2024 | 470T | n/a | n/a | 3040 |
| 59 | Scotts | €55.49 | €55.49 | K | PF | Supplies for Locality meeting | 26/03/2024 | 2762 | 49/24 | 49/24 | 3340 |
| 60 | Simply Clean | €99.12 | €99.12 | K | PF | Windmill cleaning Mar 24 | 08/04/2024 | 250 | 236/23 | 236/23 | 3060 |
| 61 | Simply Clean | €756.68 | €756.68 | T | PF | Office cleaning for Mar 24 | 08/04/2024 | 249 | n/a | n/a | 3055 |
| 62 | Simply Clean | €2,436.70 | €2,436.70 | T | PF | Bulky refuse service for March 2024 | 04/04/2024 | 247 | n/a | n/a | 3042 |
| 63 | TCTC | €100.00 | €100.00 | NA | PF | Payment re receipts for Innovazzjoni Digitali course | 08/04/2024 | n/a | n/a | n/a | 3190 |
| | | **€89,774.29** | **€89,774.29** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant